**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 132**
**It-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**SERVIZZ TAT-TRASMISSJONI FREE-TO-AIR – ILMENTI**

**8886. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8233, jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ daħal għand il-Ministeru tiegħu dwar problemi fis-servizz tat-trasmissjoni free-to-air matul l-2022 u l-2023? Kemm minn dawn ġew solvuti? Kemm daħlu lmenti li jistgħu jiġu klassifikati bħala 'każijiet rari', u liema kienu l-lokalitajiet minn fejn saru dawn l-ilmenti?

17/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-Public Broadcasting Services Ltd irċeviet mistoqsijiet mingħand 27 persuna, fir-rigward tas-servizz ta' trażmissjoni free-to-air, li saru fl-2023.

Il-lokalitajiet li minnhom saru l-maġġoranza tal-mistoqsijiet kienu l-Baħrija, Tas-Sliema, San Ġiljan, Raħal Ġdid u Marsalforn.

Intant infurmat li l-uniku lokalità li minnha sar ilment minn grupp ta' persuni kienet il-Baħrija.

Seduta 132
12/06/2023

**AVVENIMENT – SPIŻA**

**8887. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8243, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont ta' kif intefqet is-somma ta' €5,700 għall-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment?

17/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 7108.

Seduta 132
12/06/2023

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – VJAL IL-ĦELSIEN – DAWL TAT-TRIQ**

**8888. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7932, tista' l-Ministru tgħid meta saret it-talba mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ lill-Enemalta biex jinbidlu l-arbli u ssir installazzjoni ġdida, u tgħid meta huwa previst li jitlesta dan ix-xogħol?

17/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-talba mill-Kunsill Lokali biex isiru l-arbli u l-installazzjoni tal-elettriku fi Vjal il-Ħelsien saret f'Mejju tal-2022 u sussegwentement saru l-pjanijiet tekniċi. Dan ix-xogħol, li oriġinarjament biex isir kien jaqa' fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali permezz tal-kuntrattur tiegħu, huwa wieħed minn diversi proġetti ta' dawl fit-toroq li qed taħdem fuqhom l-Enemalta din is-sena u huwa mmirat li jitlesta qabel l-aħħar tas-sena. Fil-frattemp, kif spjegajt fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 7932, din it-triq ġiet imdawla bi floodlights li saru sakemm issir l-installazzjoni ġdida.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - PROMOZZJONI TA' CEOS – SPIŻA**

**8889. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus minn fondi pubbliċi fuq advertisement packages li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, bl-iskop li jippromwovu b'mod personali lis-CEOs tal-Malta Enterprise, tal-MFSA, tal-Malta Financial Services u l-Executive Chairman tal-Malta Stock Exchange?

17/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi f'dak li jirrigwarda l-Malta Stock Exchange u l-MFSA, ma ntefqu ebda flus minn fondi pubbliċi fuq advertisement packages li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija msemmija fil-mistoqsija.
Rigward l-entitajiet l-oħra nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - PROMOZZJONI TA' CEOS – SPIŻA**

**8890. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm intefqu flus minn fondi pubbliċi fuq advertisement packages li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, bl-iskop li jippromwovu b'mod personali lis-CEOs ta' Project Green u tal-ARMS?

17/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-entitajiet li qed tirreferi għalihom l-Onor. Interpellanta ma nefqu l-ebda fondi pubbliċi fuq advertisement packages, li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha ngħataw separatament, bl-iskop li jippromwovu b'mod personali lis-CEOs rispettivi.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - PROMOZZJONI TA' CEOS – SPIŻA**

**8891. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus minn fondi pubbliċi fuq advertisement packages li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, bl-iskop li jippromwovu b'mod personali lis-CEOs tal-Malta Communications Authority u tal-INDIS Malta?

17/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**BUS STOP ĠDIDA FEJN ID-DAR TAL-PROVIDENZA**

**9120. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsir bus stop fejn id-Dar tal-Providenza?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**QORTI – L-AKTAR KAŻ ANTIK**

**9121. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilu l-iktar każ antik quddiem il-qorti li għadu ma nqatax?

24/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aktar kawża li ilha għaddejja quddiem il-Qrati ta' Malta u Għawdex sal-31 ta' Mejju 2023 hija kif mniżżel fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-kamra. Ta' min jinnota li l-maġġoranza ta' dawn il-każijiet huma appuntati li jinstemgħu din is-sena stess.

Seduta 132
12/06/2023

**PROJECT GREEN - SOCIAL MEDIA SPOTS**

**9122. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-ħlas biex il-persuna li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, tagħmel social media posts bħala riklami għal Project Green? Kemm saru pagamenti s'issa?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'żieda mat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 8769, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħlas involut huwa ta' €5,000 fuq medda ta' sitt xhur.

Seduta 132
12/06/2023

**BORD TAL-APPELLI DWAR L-EKO-KONTRIBUZZJONI – ĦLAS LILL-PRESIDENT TAL-BORD**

**9123. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-ħlas mogħti lill-President tal-Bord tal-Appelli dwar l-Eko Kontribuzzjoni?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħlas applikabbli għall-persuna maħtura bħala President tal-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni huwa ta' €6,000 fis-sena.

Seduta 132
12/06/2023

**PBS – PROGRAMM LOVE ISLAND – SPIŻA**

**9124. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-ispiża maħruġa mill-PBS lill-produzzjoni u għall-produzzjoni ta' Love Island?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS li l-informazzjoni mitluba hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 132
12/06/2023

**PBS – PROGRAMM LOVE ISLAND – ĦLAS**

**9125. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallas il-PBS u kemm qed iħallas għall-kiri tal-villa, tal-crew u tal-equipment eċċ. biex isir il-programm Love Island?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS li l-informazzjoni mitluba hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJAT - DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9210. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta-Segretarju Parlamentari, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li mid-dekasteru tiegħi ma saru l-ebda tip ta' donazzjonijiet lill-Fondazzjoni inkwistjoni.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - SEGRETARJAT - DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9211. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta-Segretarju Parlamentari, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Diviżjonijiet u l-Entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej, ma taw ebda donazzjonijiet finanzjarji jew għoti ta' servizzi b'xejn, inkluż makkinarju eċċ, lill-Fondazzjoni Marigold.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA- SEGRETARJAT - DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9212. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta-Segretarju Parlamentari, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-każ tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SEGRETARJAT - DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9213. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta-Segretarju Parlamentari, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9204.

Seduta 132
12/06/2023

**ĠEM16+ – STUDENTI LI BBENEFIKAW MILL-ISKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**9216. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8387, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-ĠEM16+ li bbenefikaw mill-iskema ta' internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 u minn liema perjodu sa liema perjodu bbenefikaw minnha?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**ITS – STUDENTI LI BBENEFIKAW MILL-ISKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**9217. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8388, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-ITS li bbenefikaw mill-iskema ta' internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 u minn liema perjodu sa liema perjodu bbenefikaw minnha?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**MCAST – STUDENTI LI BBENEFIKAW MILL-ISKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**9218. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8389, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-MCAST li bbenefikaw mill-iskema ta' internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 u minn liema perjodu sa liema perjodu bbenefikaw minnha?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**UNIVERSITÀ – STUDENTI LI BBENEFIKAW MILL-ISKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**9219. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8390, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-Università li bbenefikaw mill-iskema ta' internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 u minn liema perjodu sa liema perjodu bbenefikaw minnha?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**ĦAL LIJA – SKOLA PRIMARJA – APPLIKAZZJONI GĦAL LPG STORAGE FACILITY**

**9230. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA/00973/23, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru kienx infurmat b'dan il-permess li fih qed issir applikazzjoni għal LPG Storage Facility quddiem l-Iskola Primarja ta' Ħal Lija, u jekk iva meta kien innotifikat u x'azzjoni ttieħdet fir-rigward?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**GĦAWDEX – DWEJRA – XOGĦLIJIET FIL-LATRINA**

**9269. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsistu x-xogħlijiet li reġgħu bdew jitkomplew f'dawn l-aħħar ġimgħat fil-latrina tad-Dwejra u minn min saru? Jista' jgħid ukoll meta hu maħsub li din il-latrina, li ilha magħluqa iktar minn sentejn, terġa' tinfetaħ u tintuża mill-pubbliku anke peress li l-istaġun tas-sajf dalwaqt jibda?

29/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni tas-saqaf ġdid u ristrutturar tal-layout minn ġewwa sabiex din il-latrina tiġi iktar aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Ix-xogħlijiet fuq is-saqaf saru minn Mercieca Brothers u x-xogħlijiet ta' finishing minn ġewwa ser isir permezz tal-ħaddiema tal-gvern. Ix-xogħlijiet fuq din il-latrina mistennija jkunu lesti f'Lulju.

Seduta 132
12/06/2023

**GĦAWDEX – PROĠETTI KO-FINANZJATI MILL-UNJONI EWROPEA**

**9270. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7367, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, u jgħid liema huma l-proġetti u fejn jinsabu f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm LIFE Integrated Project? Jista' jgħid liema ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati biex isiru matul is-snin 2014 sal-2023 mill-programm LIFE Integrated Project u liema saru u liema bħalissa għaddej ix-xogħol fuqhom? Jista' jgħid ukoll kemm se jingħata flus il-Ministeru għal Għawdex minn dan il-fond fuq kull proġett? Jista' jgħid jekk hux se jingħata aktar flus u jekk iva, kemm se jingħata minn dan il-fond u għal liema proġetti?

29/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex huwa partner fil-Life Intergrated Project li l-benefiċċjarju ewlieni huwa l-Energy and Water Agency. Il-Ministeru qed jibbenefika minn €1,116,304.44 f'fondi minn dan il-proġett. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-proġett fuq żewġ actions: il-bini ta' ġibjun li jesa' kważi 300 metru kubu ta' ilma u għaddej ukoll bil-proċess ta' applikazzjoni għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġi restawrat u rijabilitat il-Wied tal-Grixti. Il-ġibjun tal-ilma flimkien ma' sistema t'irrigazzjoni ser ikun qiegħed jintuża għar-riċerka fuq il-kwalità tal-prodotti agrikoli meta dawn jissaqqew b'ilma ġdid meta kkomparati mat-tisqija bl-ilma tax-xita. Fil-perjodu msemmi kien hemm applikazzjoni oħra li l-Ministeru għal Għawdex applika għaliha u li ma ġietx aċċetta.

Seduta 132
12/06/2023

**ĠBIR TA' ECO-CONTRIBUTION FUQ AKKOMODAZZJONI TURISTIKA MINN GĦAWDEX**

**9271. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont ta' Eco-Contribution fuq l-akkomodazzjoni turistika li nġabar minn Għawdex, sena b'sena, minn Jannar 2017 sal-lum?

29/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Għawdex |
|---|---|
| 2017 | 180,880.24 |
| 2018 | 186,794.13 |
| 2019 | 272,191.22 |
| 2020 | 148,236.50 |
| 2021 | 137,492.00 |
| 2022 | 180,642.71 |
| 2023 | 69,772.00 * |
| **Total** | **1,176,008.80** |

· Il-figuri tas-sena 2023 huma validi sal-aħħar ta Mejju 2023.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ TAL-ĦADDIEMA**

**9272. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex sarux rakkomandazzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fuq barra minn Marzu 2013 sal-lum u jekk iva, meta saru? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopji ta' tali rakkomandazzjonijiet?

29/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**PROĠETTI U PROGRAMMI KOFINANZJATI MILL-UNJONI EWROPEA**

**9273. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar il-proġetti u programmi/inizjattivi kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea li bħalissa għaddej ix-xogħol fuqhom jew għadhom għaddejjin? Jista' jagħti l-valur totali għal kull proġett jew programm/inizjattiva, ta' kemm se jiġi jiswa u kemm minnu hu kofinanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropea? Jista' jgħid meta hu maħsub li jispiċċa kull proġett jew programm/inizjattiva?

29/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**GĦAWDEX – DIVE SITES**

**9274. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma d-dive sites f'Għawdex? Jista' jgħid x'investiment sar f'kull dive site minn dawk imsemmija f'Għawdex mill-Ministeru tiegħu sena b'sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-lum? X'qed isir f'kull site biex l-aċċess għad-divers ikun aktar faċli?

29/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dive sites f'Għawdex huma dawn: Blue Hole, Coral Cave; Inland Sea; Cathedral cave; Reqqa Point; Shrimps' Cave; Billinghurst Cave; Double Arch Reef; Mġarr ix-Xini, Xlendi Cave; Comino Caves; Alexander's Cave; P31; The Three Wrecks (Xatt l-Aħmar); MV Karwela; MV Comino Land; MV Xlendi. L-investiment mill-Ministeru għal Għawdex huwa marbut l-iktar mal-manteniment tas-slielem minn fejn jitilgħu u jinżlu l-bugħaddasa.

Seduta 132
12/06/2023

**BORMLA – DAR TAL-ANZJANI – RESIDENTI RĠIEL U NISA**

**9321. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm residenti rġiel u nisa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'inhi l-età tagħhom?

30/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dar tal-Anzjani ta' Bormla hemm 93 mara li l-età tagħhom tvarja bejn il-56 u 102 sena, filwaqt li rġiel hemm 35, li l-età tagħhom tvarja bejn l-54 u 98 sena.

Iż-żewġ residenti li huma iżgħar minn 60 sena għandhom diżabilità u daħlu jgħixu fid-dar ta' Bormla għax ma setgħux jgħixu waħedhom id-dar wara li mietu l-kustodji tagħhom.

Infakkar lill-Onor. Interpellanta li d-deċiżjoni dwar l-għeluq tad-Dar ta' Bormla ttieħdet wara li ġew ikkunsidrati l-fatturi kollha inklużi l-linji gwida maħruġa mill-Awtorità tal-Istandards u Ħarsien Soċjali. Ir-residenti ta' din id-dar jixirqilhom ambjent aħjar għal ħajja aħjar u huwa għalhekk li ser tingħalaq għal rinovar estensiv.
Il-Gvern iħoss li, wisq aktar minn hekk, ikun irresponsabbli kemm-il darba jippermetti li xi ħadd taħt ir-responsabbiltà tiegħu jgħix fi struttura b'livelli inferjuri ta' konkos.

Seduta 132
12/06/2023

**BORMLA – DAR TAL-ANZJANI – RINOVAR**

**9322. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jiġi jiswa r-rinovar tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla?

30/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-figura tkun tista' tingħata wara li tiġi aġġudikata s-sejħa għall-offerti għar-rinnovar tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla.
Infakkar lill-Onor. Interpellanta li dak kollu li l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva qed jagħmel hu għax l-anzjani residenti jixirqilhom ħafna aħjar u sabiex ma jibqgħux ikunu akkomodati f'residenza li ma tilħaqx il-livelli xierqa.
Il-Gvern iħoss li, wisq aktar minn hekk, ikun irresponsabbli kemm-il darba jippermetti li xi ħadd taħt ir-responsabbiltà tiegħu jgħix fi struttura b'livelli inferjuri ta' konkos.

Seduta 132
12/06/2023

**FGURA – TRIQ HOMPESCH – TISWIJA TA' CULVERT**

**9323. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7767 dwar tiswija tal-culverts fi Triq Hompesch li hija t-triq prinċipali tal-Fgura, minkejja li l-Ministru fis-17 ta' April 2023 wiegħed li x-xogħol se jibda fil-ġimgħat li ġejjin u sal-lum għadu ma bediex, jista' jgħid meta huwa ppjanat li jibda u jintemm dan ix-xogħol? Peress li fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju se tkun iċċelebrata l-festa tal-parroċċa fejn it-triq tkun magħluqa u ovvjament jgħaddu n-nies mit-triq, u peress li l-pjanċi temporanji li hemm bħalissa żgur se jkunu ta' periklu għan-nies għaliex faċilment jistgħu jaqgħu fihom, f'każ li jweġġa' xi ħadd min se jkun responsabbli, il-Gvern, il-kuntrattur jew xi entità oħra?

30/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru qed tagħmel l-almu tagħha biex tikkoordina bl-aħjar mod dawn ix-xogħlijiet previsti flimkien mal-kuntrattur, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti kollha, il-partijiet interessati u n-negozji sabiex tara t-tlestija b'suċċess tax-xogħlijiet ta' tiswija maħsuba filwaqt li jkun hemm l-inqas tfixkil possibbli u b'miżuri siguri fit-toroq kollha, għal utenti u attivitajiet kummerċjali fiż-żona.
Sadanittant aħna se niżguraw li s-setup temporanju magħmul minn pjanċi tal-azzar ma joħloqx periklu għall-attivitajiet li ġejjin.

Seduta 132
12/06/2023

**FGURA – TRIQ IL-KARMELITANI – RESTAWR TAL-KNISJA L-QADIMA U TAL-KUNVENT**

**9324. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7766, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, u ċjoè: B'referenza għall-knisja l-qadima li tinsab fi Triq il-Karmelitani, il-Fgura, u li nbniet fil-bidu tas-snin 50 fuq pjanti tal-Perit Ġużè D'Amato, jista' l-Ministru jikkonsidra li l-faċċata ta' din il-knisja u l-kunvent aġġunt jiġu restawrati peress li dawn huma landmark ewlenin tal-lokalità?

30/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li la l-Knisja u lanqas il-kunvent inkwistjoni mhuma proprjetà tal-Istat.

Seduta 132
12/06/2023

**IL-FGURA – VJAL KOTTONER – PARTI MINN TRIQ LI QED TISFRONDA**

**9325. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3222 dwar periklu fi Vjal Kottoner fejn it-triq qed tisfronda u fejn il-Ministru fid-19 ta' Ottubru 2022 ikkonferma li x-xogħol se jibda fil-ġimgħat li kienu ġejjin u s'issa, seba' xhur u nofs wara, dan il-periklu għadu hemm, jista' l-Ministru jgħid meta se jitneħħa dan il-periklu?

30/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li pitgħada Infrastructure Malta se tkun qed tagħmel xogħol bil-hot asphalt fejn it-triq qed tisfronda bħala miżura temporanja sakemm jibda l-proġett ta' bini mill-ġdid tat-triq, li se jkun qed jibda mit-Triq il-Kunsill tal-Ewropa sa Vjal il-Kottoner fil-Fgura.

Seduta 132
12/06/2023

**DIRETTORAT TAL-GVERN LOKALI - BORD TAL-GOVERNANZA**

**9326. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5566 u jgħid min kienu l-membri li ffurmaw il-Bord tal-Governanza fid-Direttorat tal-Kunsilli Lokali għas-sena 2022? X'kienet ir-remunerazzjoni tal-membri għas-sena 2022? Kemm-il darba ltaqgħu b'mod formali tul is-sena 2022 xahar b'xahar? Kemm daħlu każijiet ġodda tul is-sena 2022? Kemm każijiet ġew deċiżi tul is-sena 2022? Kemm kien hemm każijiet pendenti fil-31 ta' Diċembru 2022 u kemm ilhom pendenti? Min ser ikunu l-membri tal-istess bord għas-sena 2023?

30/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Membri tal-Bord tal-Governanza fid-Direttorat tal-Kunsilli Lokali għas-sena 2022, kif ukoll għas-sena 2023, kienu hekk kif ġej:

**Chairman**
Sur Simon Abela - €11,061.009 p.a.

**Membri**
Sur Duncan Hall - €4,096.79 p.a.
Sin. Sarah Lee Zammit - €4,096.79 p.a.
Sin. Speranza Chircop - €4,096.79 p.a.

**Segretarju tal Board**
Sur Pablo Cachia Belli - €4,096.79 p.a.

Intant infurmat li mit-twaqqif tal-Bord il-ġdid, l-istess bord iltaqa' diversi drabi b'mod formali u kif ukoll informalment sabiex jiddiskuti u jixtarr numru ta'każijiet li sab li kienu pendenti u għadhom mhux magħluqa.

Intant infurmat ukoll li l-Bord għandu quddiemu 16 il-każ pendenti, li minnhom 8 kazijiet kienu infetħu qabel Marzu tas-sena 2022.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**9330. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8905 u jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

30/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**9331. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8906 u jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

30/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**KUMPANIJI LI ĠEW STRUCK OFF**

**9332. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kumpaniji ġew struck off, u kemm tpoġġew għal liquidation, xahar b'xahar, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

30/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**KUMPANIJI LI ĠEW STRUCK OFF**

**9333. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kumpaniji ġew struck off, u kemm tpoġġew għal liquidation, xahar b'xahar, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

30/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**KUMPANIJI LI ĠEW AĊĊETTATI MINN CEMALTA**

**9334. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-kumpaniji li ġew aċċettati minn Circular Economy Malta (CEMalta) li jaqgħu taħt Artiklu 3, Regolament 4 tar-Regolament Prinċipali taħt il-Legal Notice 299 tal-2019?

30/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ġejt infurmata illi l-informazzjoni mitluba ma tistax tiġi pprovduta peress li hija ta' natura kummerċjalment sensittiva.

Seduta 132
12/06/2023

**KONVENJI GĦAL OQBRA**

**9340. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru konvenji għal oqbra matul is-sena 2022?

30/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illimatul is-sena 2022 ġew iffirmati 241 konvenji għal oqbra.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9372. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9190, fejn id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16743 tal-Leġiżlatura XIII, li saret fl-20 ta' Ottubru 2020, jista' jgħid jekk minn Ottubru 2020 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari l-Ministeru tiegħu jew entitajiet li jaqgħu taħtu għamlux donazzjonijiet lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament?

31/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma kien hemm l-ebda donazzjonijiet lill-Fondazzjoni msemmija minnha minn Ottubru 2020 sa l-lum.

Seduta 132
12/06/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9373. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8544, 8757 u 9157 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Promotion from associate to full Professor and extension of appointment beyond statutory retirement age*" datat 6 ta' Ottubru 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta 132
12/06/2023

**EŻAMIJIET TAL-BENCHMARK**

**9376. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-karti tal-eżamijiet tal-Benchmark sarux mill-Uffiċjali Edukattivi? Jekk le, min kienu dawk inkarigati mill-kompożizzjoni tal-karti u x'kariga għandhom fid-Direttorat?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li min ħadem fuq il-karti tal-eżamijiet ġejjin mill-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u l-Università. Gradi jinkludu Uffiċjali Edukattivi, Lettur, Kap tad-Dipartiment, Kap ta' Skola, għalliem/a. L-abbozz jingħata lir-Review Board biex jagħmel l-evalwazzjoni neċessarja.

Seduta 132
12/06/2023

**WIED IL-GĦAJN – PJAN GĦAT-TURIŻMU**

**9420. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4462, jista' l-Ministru jgħid fiex jinsab il-pjan ghat-turiżmu f'Wied il-Għajn issa li dieħel l-istaġun tas-sajf?

31/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità kompetenti għadha qed tagħmel l-istudji neċessarji u għaldaqstant tkun tista' tingħata aktar informazzjoni aktar 'il quddiem.

Seduta 132
12/06/2023

**KALKARA – BAJJA TAR-RINELLA - XOGĦLIJIET**

**9421. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8316 jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu esegwiti x-xogħlijiet indikati fil-Bajja tar-Rinella, fil-Kalkara, aktar u aktar issa li dieħel l-istaġun tas-sajf?

31/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-intervent li kellu jsir mid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni diġà sar, filwaqt li x-xogħol min-naħa tat-TZRA mistenni li jsir din il-ġimgħa.

Seduta 132
12/06/2023

**RAĦAL ĠDID – KNISJA SANTA UBALDESKA – RESTAWR TAL-FAĊĊATA**

**9422. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li l-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Knisja ta' Santa Ubaldeska, f'Raħal Ġdid, isir tul din is-sena u jekk le, jgħid għaliex ma jistax isir?

31/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**BDIL FIS-SISTEMA PREŻENTI TAT-TRAFFIKU F'ĦAL TARXIEN**

**9423. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6656 u 6844, jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-disinni u l-pjani għat-toroq indikati ta' Ħal Tarxien?

31/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tara kif jista' jiġi mtejjeb l-andament tat-traffiku fil-junctions ta' fejn it-toroq msemmija fil-Mistoqsija Parlamentari numru 6844 jingħaqdu ma' Triq Tal-Barrani. Sussegwentement, dan ser jirriżulta f'numru ta' proposti li ser jiġu kkunsidrati għall-analisi iktar fid-dettall. Madanakollu għad ma hemm xejn konkluż.

Seduta 132
12/06/2023

**KATAKOMBI TA' GĦAR GĦERDUF (KERĊEM TOMBS)**

**9424. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3369, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol li kellu jsir f'Kerċem Tombs (Katakombi ta' Għar Għerduf) sarux, sabiex tibda l-ħidma arkeoloġika?

31/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li saru studji preliminari fuq is-sit tal-Katakombi ta' Għar Gerduf, ġie stabbilit li minħabba l-fraġilità u xi kunsenturi li nstabu fis-sisien u s-saqaf tal-għar, għandhom isiru investigazzjonijiet aktar profondi fuq it-tessut u t-terren tal-madwar. Għal dan il-għan, f'dawn l-aħħar xhur ġie preparat u evalwat tender (SPD3/2023/010 – Award Notice; 15 ta' Mejju 2023) għall-provista' ta' studju xjentifiku tal-istat ġeoloġiku u jirrakkomanda miżuri ta' konsolidament tal-blat li jifforma l-Katakombi ta' Għar Gerduf bl-aħjar interventi u possibbilment reversibbli li jirrispettaw u jħarsu s-sensittività ta' dan il-post storiku f'Għawdex. L-istess tender jaħseb ukoll biex ifassal pjan metodoloġiku għall-iskavar arkeoloġiku meħtieġ, mingħajr ma jikkomprometti l-istess struttura jew b'xi mod ikun ta' periklu għall-ħaddiema involuti fl-istess proċess. Dan kollu qed isir b'kollaborazzjoni u f'kunsultazzjoni sħiħa mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali.

Seduta 132
12/06/2023

**KATAKOMBI TA' GĦAR GĦERDUF (KERĊEM TOMBS)**

**9425. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3369, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol li kellu jsir f'Kerċem Tombs (Katakombi ta' Għar Għerduf) sarux sabiex tibda l-ħidma arkeoloġika?

31/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**KORRISPONDENZA MIBGĦUTA LILL-COLLECTIVE BARGAINING UNIT**

**9440. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi korrispondenza mibgħuta lill-Collective Bargaining Unit iddedikata għan-negozjar ta' ftehimiet kollettivi fis-settur pubbliku b'rabta ma' capping (ammont massimu) fuq iż-żieda perċentwali fil-paga li għandha tingħata għall-kumplament tal-ftehimiet kollettivi li jridu jiġu nnegozjati fis-settur pubbliku?

31/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru tal-Finanzi xogħlu huwa dak li jagħmel ir-rizorsi disponibbli għat-talbiet li jiġu għandu. Kull talba tiġi mitqiesa skont il-merti tagħha.

Seduta 132
12/06/2023

**SERVIZZ ĊIVILI – SEZZJONIJIET LI JAQBŻU R-RATA TAR-REMOTE WORK**

**9441. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid liema sezzjonijiet tas-Servizz Ċivili jaqbżu l-20% remote work u jelenka dawn it-taqsimiet?

31/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-iskemi relatati ma' Modern Work Practices jistgħu jkunu applikati fis-Servizz Pubbliku kollu skont l-esiġenzi tas-Servizz u regoli ta' eliġibiltà.

Seduta 132
12/06/2023

**PPS – ŻIEDA FIR-REMOTE WORK**

**9442. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-PPS hux se jżid ir-remote work mill-20% stabbilit f'Manwal għall-Miżuri tal-Bilanċ tal-Ħajja l taċ-Ċivil?

31/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-Modern Work Practices diġà jagħtu possibilità ta' extended remote working għal min jikkwalifika għalih, u skont proċeduri stabbiliti.

Seduta 132
12/06/2023

**SERVIZZ ĊIVILI – PRODUTTIVITÀ TAL-ĦADDIEMA BIR-REMOTE WORKING**

**9443. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk sarx studju madwar is-Servizz Ċivili biex titkejjel il-produttività tal-ħaddiema li jaħdmu bir-remote working? Jekk iva, jista' jqiegħed dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

31/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 8621, ninsab infurmat li qabel ma ġew introdotti l-miżuri l-ġodda tal-Modern Work Practises, ġew ikkonsultati u saru laqgħat mal-istakeholders kollha biex jinstab il-bilanċ adegwat bejn il-miżuri introdotti, l-effiċjenza, u l-livell ta' servizz lejn il-klijent.

Seduta 132
12/06/2023

**SERVIZZ ĊIVILI – CAPPING GĦAR-REMOTE WORKING**

**9444. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kif ġie stabbilit il-capping għar-remote work ta' 20% fil-ġimgħa ddikjarat fil-Manwal għall-Miżuri ta' Bilanċ tal-Ħajja taċ-Ċivil?

31/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari nru 8621.

Seduta 132
12/06/2023

**XOGĦOL FUQ IL-ĦITAN TAT-TRIQ BEJN IX-XEMXIJA U GĦAJN TUFFIEĦA**

**9445. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi dipartiment jew entità li taqa' taħt il-Ministeru tiegħu hux qed tagħmel xogħol fuq il-ħitan tal-ġnub tat-triq li mix-Xemxija twassal sa Għajn Tuffieħa? Jekk iva, min qed jagħmel dan ix-xogħol?

31/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi mhux qed jagħmel xogħol fuq il-ħitan tal-ġnub tat-triq li mix-Xemxija twassal sa Għajn Tuffieħa.

Seduta 132
12/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – APPLIKAZZJONIJIET**

**9446. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar in-numru ta' applikazzjonijiet li ġew sottomessi għall-iskema 'Irrestawra Darek' tal-2023? Kemm damet miftuħa din l-istess skema? Kemm-il perit irnexxielu jissottometti applikazzjonijiet għal din l-iskema? Kemm hu n-numru totali ta' applikazzjonijiet li ġew sottomessi?

31/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-iskema nfetħet fil-ħin stabbilit ta' nofsinhar u l-Awtorità rċeviet fuq is-sistema tagħha l-applikazzjonijiet li jidhru fil-lista li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – WAITING LIST**

**9447. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jikkonsidra li jerġa' jiftaħ l-iskema 'Irrestawra Darek' iktar tard matul din is-sena hekk kif numru ta' applikazzjonijiet ma laħqux ġew sottomessi? Jista' jikkunsidra wkoll li jkun hemm sistema ta' waiting list għal tali skema?

31/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità qed tikkunsidra skemi oħra fil-futur.

Seduta 132
12/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – SISTEMA MWAĦĦLA**

**9448. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema 'Irrestawra Darek' fetħitx f'nofsinhar tat-30 ta' Mejju 2023 u ftit wara rriżulta li kien hemm is-sistema mwaħħla u numru ta' periti ma setgħux jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom? X'kienet ir-raġuni għal dan il-falliment fis-sistema?

31/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li s-sistema ħadmet bil-mod kif ġie spjegat fil-mistoqsija 9784 u li l-applikazzjoniet li laħqu ddaħħlu huma dawk indikati fil-mistoqsija 9446.

Seduta 132
12/06/2023

**ĊENTRI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

**9449. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8982 dwar iċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva, jista' l-Ministru jgħid għal kull wieħed mis-27 ċentru laħaqx il-kapaċità massima ta' kemm-il anzjan u anzjana jistgħu jattendu fih? Jista', għal kull ċentru, jgħid jekk hemmx lista ta' stennija (waiting list) sabiex anzjan jew anzjana jkunu jistgħu jattendu dak iċ-ċentru?

31/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-ebda Ċentru għall-Anzjanità Attiva ma hemm lista ta' stennija. Kull applikant jista' jattendi fil-ġranet li jixtieq hu, kif maqbul mas-supervisor taċ-ċentru. Billi mhux il-membri kollha jattendu fl-istess ġranet u ħinijiet, l-ebda ċentru ma jilħaq il-kapaċità massima f'xi punt wieħed.

Seduta 132
12/06/2023

**ICT SUMMER TRANEESHIP SCHEME**

**9459. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9245, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, u jgħid jekk l-iskema "ICT Summer Traineeship" hijiex disponibbli għas-settur privat kif ukoll għas-settur pubbliku kif kienet fis-snin ta' qabel? Jekk le, jista' jgħid għaliex kien hemm tibdil u xi studji u raġunamenti wasslu għal dan it-tibdil?

01/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-ICT Summer Traineeship infetħet għall-aministrazzjoni pubblika biss fid-dawl taż-żieda fin-numru ta' placements u opportunitajiet li qed joffri l-Gvern. Dan riflessjoni tal-bidliet kbar teknoloġiċi fl-aminitrazzjoni pubblika fejn qed Tkun fuq quddiem nett f'dan is-settur.

Ninsab nfurmat ukoll li għal din l-skema kien hemm it-tieni ċans ta' aplikazzjoni fid-dawl li l-postijiet offruti kienu akbar minn numru ta' applikazzjonijiet, fejn applikkaw b'kollox bejn l-ewwel u it-tieni fażi 372 persuna.

Seduta 132
12/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL ZEBRA CROSSINGS JEW PELICAN CROSSINGS**

**9462. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-applikazzjonijiet pendenti li għandha Transport Malta għal zebra crossings jew pelican crossings fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar?

01/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil- lokalità ta' San Pawl il-Baħar Transport Malta għandha applikazzjoni waħda li hija pendenti għal żebra crossing fi Triq it-Trunċiera. Din qed tiġi evalwata.

Seduta 132
12/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – MEMBRI TAL-BORD TAD-DEĊIŻJONI**

**9468. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-bord li se jkun qed jiddeċiedi l-applikazzjonijiet tal-iskema 'Irrestawra Darek'? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kriterji li fuqhom ser jimxi dan il-bord?

01/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kompożizzjoni tal-Kumitat imsejjaħ "Development Planning Fund Committee" (DePFC) fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar huwa kompost minn dawn il-membri:

Chairman – Perit Raymond Farrugia

Membri – Chev. Paul Farrugia
Perit Dr. David Mallia
Perit Frans Mallia
Perit Rita Vella

Segretarju – Enzo Cachia

Fil-każ tal-fond "Irrestawra Darek" d-DePFC jimxi fuq il-kriterji stabbiliti miċ-ċirkolari maħruġa li tispjega min huma dawk li jikkwalifikaw għall-fondi. Il-link tinsab fil-website tal-Awtorità tal-Ippjanar https://www.pa.org.mt/irrestawra-darek-2023 li fiha l-informazzjoni dwar eliġibbiltà, kwalifiki u informazzjoni oħra. Id-dokument li jinsab fil-link qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**SAN ĠILJAN – TELGĦET B'KARA – PROBLEMA TAT-TRAFFIKU**

**9469. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl li f'Telgħet B'Kara, f'San Ġiljan, meta wieħed jitla' min-naħa ta' fejn hemm l-Independent News, hemm problema tat-traffiku, jista' l-Ministru jara Transport Malta x'tista' tagħmel biex dan ma jibqax?

01/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi riċentement, fil-junction imsemmija (ta' fejn L-Independent News f'San Giljan) tneħħew it-traffic lights u t-traffiku fiż-żona jidher li qed jimxi aħjar. Transport Malta għamlet ukoll rakkomandazzjoni lill-Infrastructure Malta għal-redesign tal-junction li għandu ukoll jippermetti flow tat-traffiku aħjar jiffaċilita l-fluss tat-traffiku. Birkirkara Hill hija triq residenzjali u għaldaqstant, il-kunsill għandu javviċina lill-Awtorita' sabiex jekk hemm problemi, dawn ikunu jistgħu jiġu indirizzati.

Seduta 132
12/06/2023

**SERVIZZ TAL-ILMA/DAWL SOSPIŻ**

**9470. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm households li kellhom is-servizz tal-ilma/dawl sospiż matul l-2022? Tista' tgħid liema kienu r-raġunijiet ta' dan?

01/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li matul l-2022 kien hemm 31 każ ta' households li kellhom is-servizz tal-ilma sospiż, filwaqt li fejn jirrigwardja l-elettriku, in-numru ta' households li kellhom il-provvista sospiża kienu jlaħħqu 320. B'mod ġenerali, r-raġunijiet għal dawn is-sospensjonijiet kienu relatati ma' kontijiet mhux imħallsa jew mhux imħallsa fil-ħin, kif ukoll minħabba nuqqasijiet fil-ħlas tal-arretrati. Azzjonijiet bħal

dawn ikollhom jittieħdu wara li jkunu saru diversi tentattivi biex jintlaħaq ftehim mal-klijenti dwar pjan biex isir il-ħlas dovut u jkunu nħarġu wkoll għadd ta' twissijiet.

Seduta 132
12/06/2023

**TAX REBATE LILL-PENSJONATI**

**9471. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-pensjonanti ma rċevewx it-tax rebate li ntbagħat dan l-aħħar minkejja li jħallsu t-taxxa anke fuq il-pensjoni tagħhom?

01/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari 8694 u 8918.

Seduta 132
12/06/2023

**LIĠIJIET U KAWŻI DWAR IL-KONTROLL TAL-ISTORBJU, ĦSEJJES EĊĊESSIVI U DISTURB TAL-ĠIRIEN**

**9472. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid:
a. liema huma l-liġijiet applikabbli għall-kontroll tal-istorbju, ħsejjes eċċessivi u disturb tal-ġirien;
b. kemm-il kawża saret quddiem il-Qrati Maltin bejn l-2020 u Mejju 2023 dwar kontroll tal-istorbju, ħsejjes eċċessivi, u disturb tal-ġirien;
ċ. kemm persuni nstabu ħatja; u
d. jekk il-Gvern għandux intenzjoni jtejjeb il-liġijiet dwar storbju, ħsejjes eċċessivi, u disturb tal-ġirien, u forsi jħarrax il-pieni?

01/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**KEJL TAL-KWALITÀ TAL-ARJA F'KULL LOKALITÀ**

**9473. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1539 fejn il-Ministru pprovdiet il-figuri tal-medja annwali ta' livelli ta' benzin u dijossidu tan-nitroġenu fl-arja għas-sena 2021 għal kull lokalità li tinsab taħt monitoraġġ, tista' l-Ministru tipprovdi l-istess informazzjoni, miktuba bl-istess format tal-mistoqsija parlamentari 1539, għas-snin 2017-2020?

01/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra riżultati tal-medja annwali tal-livelli tal-benżin u d-dijossidu tan-nitroġenu għas-snin mitluba f'kull lokalità.

Seduta 132
12/06/2023

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI – DOKUMENTI - - KAŻ TA' INDIVIDWU**

**9487. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-Kummissarju tat-Taxxi qed jirrifjuta li jgħaddi dokumenti li l-Financial Crimes Investigations Department (FCID) għandha bżonn biex tkun tista' tressaq lill-individwu, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, quddiem il-Qorti akkużat bi frodi ta' VAT u ħasil ta' flus f'ammont ta' iktar minn €3 miljun?

01/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi dejjem kien u jibqa' dispost sabiex jagħti kull assistenza rikjesta mill-FCID, inkluż rapporti u dokumenti li jistgħu jkunu ta' għajnuna fil-ġlieda kontra l-frodi ta' VAT, evażjoni ta' taxxa u l-ħasil tal-flus.

Seduta 132
12/06/2023

**DISTANZA MASSIMA BEJN PUNTI TAN-NEW WATER**

**9497. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx distanza massima bejn punt u ieħor ta' distribuzzjoni tan-new water u jekk fl-affermattiv, kemm hi din id-distanza? X'inhi r-raġuni għaliex id-distanza bejn punt u ieħor ta' distribuzzjoni tan-new water fil-Miżieb hija tant kbira, li mhux kull bidwi jista' jagħmel użu minnhom?

05/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li m'hemmx distanza massima bejn punt u ieħor ta' distribuzzjoni tan-New Water. Għalkemm il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tassigura li dawn il-punti jiġu mqassmin b'mod bilanċjat, raġonevoli u ġust, huwa diffiċli li d-distanza għal kull bidwi tkun l-istess. Dejjem ser ikun hemm bdiewa li jkunu viċin ħafna tad-dispensers u oħrajn li jkollhom jgħaddu l-pajpijiet tagħhom sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz.

Seduta 132
12/06/2023

**HERITAGE MALTA – PERSUNI LI ŻARU DIVERSI SITI**

**9498. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li żaru kull sit (admissions) amministrat minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex, xahar b'xahar minn Jannar sa Diċembru tas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u minn Jannar sa April tal-2023? Jista' jagħti din l-informazzjoni għal kull tali sit għax-xahar u s-sena elenkata individwalment u skont jekk kinux tfal, adulti jew anzjani?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **GHAR DALAM** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 1075 | 1357 | 2167 | 3344 |
| **Senior Citizensizens** | 223 | 272 | 426 | 462 |
| **Students** | 141 | 213 | 266 | 571 |
| **Children** | 93 | 130 | 85 | 302 |
| | | | | |

| HAGAR QIM | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
|---|---|---|---|---|
| Adults | 4257 | 5099 | 8274 | 14672 |
| Senior Citizensizens | 718 | 879 | 2034 | 2887 |
| Students | 642 | 1071 | 1386 | 2490 |
| Children | 183 | 360 | 200 | 1011 |
| | | | | |
| HYPOGEUM | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 1309 | 1245 | 1535 | 1485 |
| Seniors | 0 | 482 | 13 | 520 |
| Students | 0 | 173 | 22 | 118 |
| Children (6-12) | 0 | 59 | 0 | 76 |
| Last Minute | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | | | | |
| INQUISITOR`S PALACE | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 1007 | 1199 | 1995 | 2908 |
| Senior Citizensizens | 300 | 516 | 760 | 812 |
| Students | 150 | 185 | 426 | 419 |
| Children | 35 | 70 | 45 | 171 |
| | | | | |
| MNAJDRA TEMPLE | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 3676 | 4545 | 6368 | 10682 |
| Senior Citizensizens | 611 | 854 | 1615 | 2470 |
| Students | 514 | 846 | 1088 | 1978 |
| Children | 170 | 360 | 183 | 936 |
| | | | | |
| ROMAN DOMUS | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 622 | 867 | 1146 | 2060 |
| Senior Citizensizens | 158 | 326 | 511 | 612 |
| Students | 160 | 309 | 356 | 452 |
| Children | 31 | 86 | 35 | 175 |
| | | | | |

| NATIONAL MUSEUM OF ARCHAEOLOGY | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
|---|---|---|---|---|
| Adults | 2335 | 2889 | 4169 | 6674 |
| Senior Citizens | 754 | 745 | 1331 | 1529 |
| Students | 369 | 616 | 661 | 1121 |
| Children | 110 | 213 | 83 | 370 |
| | | | | |
| MUZA | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 1157 | 1225 | 1887 | 3115 |
| Senior Citizens | 334 | 409 | 601 | 554 |
| Students | 196 | 219 | 329 | 341 |
| Children | 27 | 57 | 23 | 82 |
| | | | | |
| NATIONAL MUSEUM OF NATURAL HISTORY | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 855 | 1086 | 1515 | 2011 |
| Senior Citizens | 102 | 238 | 257 | 354 |
| Students | 209 | 208 | 252 | 400 |
| Children | 69 | 131 | 91 | 244 |
| | | | | |
| FORT ST ELMO | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 3966 | 4583 | 6889 | 10855 |
| Senior Citizens | 760 | 1063 | 1998 | 2353 |
| Students | 620 | 904 | 981 | 1949 |
| Children | 189 | 362 | 210 | 838 |
| | | | | |
| VALLETTA UNDERGROUND | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |
| Adults | 356 | 291 | 436 | 496 |
| Senior Citizens | 77 | 80 | 87 | 177 |
| Students | 58 | 89 | 40 | 72 |
| Children | 0 | 0 | 0 | 22 |
| | | | | |
| FORT ST ANGELO | Jan-23 | Feb-23 | Mar-23 | Apr-23 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Adults** | 1841 | 2338 | 3468 | 5280 |
| **Senior Citizens** | 420 | 674 | 1213 | 1413 |
| **Students** | 279 | 382 | 509 | 830 |
| **Children** | 58 | 146 | 69 | 419 |
| | | | | |
| **PALACE ARMOURY** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Senior Citizens** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Students** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Children** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | | | | |
| **ST. PAUL`S CATACOMBS** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 3842 | 4956 | 6935 | 11498 |
| **Senior Citizens** | 434 | 704 | 1159 | 1542 |
| **Students** | 639 | 968 | 1150 | 2118 |
| **Children** | 188 | 389 | 167 | 806 |
| | | | | |
| **STATE ROOMS** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Senior Citizens** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Students** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Children** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | | | | |
| **TARXIEN TEMPLES** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 1633 | 1722 | 3039 | 4440 |
| **Senior Citizens** | 382 | 513 | 996 | 1086 |
| **Students** | 263 | 409 | 593 | 823 |
| **Children** | 94 | 109 | 61 | 266 |
| | | | | |
| **FORTRESS** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 61 | 96 | 71 | 202 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Senior Citizens** | 10 | 16 | 50 | 15 |
| **Students** | 1 | 10 | 44 | 3 |
| **Children** | 1 | 4 | 1 | 5 |
| | | | | |
| **FOLKLORE GOZO** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 633 | 844 | 1277 | 2028 |
| **Senior Citizens** | 145 | 237 | 433 | 508 |
| **Students** | 104 | 156 | 178 | 402 |
| **Children** | 45 | 91 | 46 | 215 |
| | | | | |
| **GGANTIJA TEMPLES** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 4099 | 5929 | 10161 | 16789 |
| **Senior Citizens** | 623 | 929 | 1941 | 2631 |
| **Students** | 455 | 666 | 963 | 1952 |
| **Children** | 176 | 272 | 140 | 961 |
| | | | | |
| **GOZO MUSEUM OF ARCHAEOLOGY** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 647 | 875 | 1354 | 2002 |
| **Senior Citizens** | 132 | 235 | 395 | 485 |
| **Students** | 102 | 164 | 202 | 439 |
| **Children** | 43 | 74 | 49 | 214 |
| | | | | |
| **GOZO NATURE MUSEUM** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 533 | 710 | 1063 | 1581 |
| **Senior Citizens** | 94 | 171 | 279 | 302 |
| **Students** | 89 | 145 | 174 | 316 |
| **Children** | 40 | 68 | 38 | 197 |
| | | | | |
| **TA` KOLA WINDMILL** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 520 | 688 | 1050 | 1902 |
| **Senior Citizens** | 112 | 253 | 477 | 484 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Students** | 67 | 109 | 139 | 224 |
| **Children** | 30 | 53 | 32 | 207 |
| | | | | |
| **OLD PRISONS** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 837 | 1135 | 1807 | 2761 |
| **Senior Citizens** | 164 | 227 | 476 | 562 |
| **Students** | 133 | 231 | 252 | 497 |
| **Children** | 58 | 111 | 70 | 352 |
| | | | | |
| **BORG IN NADUR** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 271 | 225 | 275 | 329 |
| **Senior Citizens** | 67 | 45 | 61 | 51 |
| **Students** | 46 | 54 | 52 | 62 |
| **Children** | 31 | 12 | 8 | 19 |
| | | | | |
| **HAGRAT** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 103 | 119 | 210 | 453 |
| **Senior Citizens** | 28 | 22 | 78 | 73 |
| **Students** | 13 | 6 | 14 | 13 |
| **Children** | 6 | 16 | 9 | 27 |
| | | | | |
| **SKORBA** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 83 | 93 | 195 | 289 |
| **Senior Citizens** | 33 | 18 | 79 | 64 |
| **Students** | 12 | 12 | 153 | 37 |
| **Children** | 4 | 7 | 9 | 22 |
| | | | | |
| **TA' BISTRA** | **Jan-23** | **Feb-23** | **Mar-23** | **Apr-23** |
| **Adults** | 48 | 8 | 74 | 5 |
| **Senior Citizens** | 8 | 63 | 17 | 0 |
| **Students** | 6 | 8 | 5 | 0 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Children** | 0 | 0 | 15 | 0 |

Seduta 132
12/06/2023

**HERITAGE MALTA – DĦUL MINN DIVERSI SITI**

**9499. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'kien id-dħul finanzjarju minn kull sit amministrat minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex, xahar b'xahar minn Jannar sa Diċembru tas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u minn Jannar sa April tal-2023? Jista' jagħti din l-informazzjoni għal kull tali sit għax-xahar u sena elenkata individwalment u jgħid x'kien il-valur tad-dħul minn ħlas ta' persuni tfal, adulti jew anzjani?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**HERITAGE MALTA – ATTIVITAJIET**

**9500. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' attivitajiet privati, in-natura tagħhom u d-dħul finanzjarju minn kull sit amministrat minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex, xahar b'xahar minn Jannar sa Diċembru tas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u minn Jannar sa April tal-2023? Jista' jagħti din l-informazzjoni għal kull tali sit għax-xahar u s-sena elenkata individwalment?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**HERITAGE MALTA - OTHER EXPENDITURE**

**9501. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-"other expenditure" li huma mniżżlin fl-estimi ta' Heritage Malta, apparti l-flus li ser jintefqu fuq "exhibition and events", "general staff costs" u "marketing and communications expenses"? Jista' jgħid kif se jintefqu u fuq xiex?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:
§ '*Library*' - xiri ta kotba għal użu ta' riċerka u għall-kollezjoni;
§ '*Bank Charges and IFRS interest* - tariffi tal-bank għal użu tal '*epos machine*' u 'merchant accounts' kif ukoll IFRS16 interest fuq propjetà;
§ '*Professional Diving service'* – Servizzi meħtieġa mill-'*UnderWater Cutural Heritage*' għal protezzjoni u management ta' siti taħt il-baħar;
§ '*Licences*' - liċenzji varji bhal pereżempju; liċenzji ta' karozzi u liċenzji għal użu ta' 'software' u *subscriptions* oħra

Seduta 132
12/06/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – SERVIZZI**

**9502. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali hijiex toffri servizzi ta' evalwazzjoni arkeoloġika, monitoraġġ arkeoloġiku u/jew servizzi ta' konservazzjoni/restawr hija stess, apparti milli tirregola s-settur?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali hija r-regolatur nazzjonali tal-patrimonju kulturali u parti mid-dmir tagħha huwa li tagħmel monitoraġġ fuq xogħlijiet ta' restawr u arkeoloġija. Is-Sovrintendenza mhix operatur ta' dawn ix-xogħlijiet fis-settur privat. Għaldaqstant is-Sovrintendenza twettaq il-monitoraġġ ta' restawr tal-bini peress li għandha uffiċjali ddedikati għal dan ix-xogħol. Dan il-monitoraġġ isir kull fejn ikun hemm kundizzjoni ta' restawr fil-permess ta' żvilupp.

Intant infurmat li s-Sovrintendenza tipparteċipa f'xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni mill-uffiċjali tagħha, f'każijietrari ta' meta ikun hemm bżonn l-ispjeċjalizzazzjoni tal-uffiċjali tagħha.

Fir-rigward ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni arkeoloġika, infurmat li s-Sovrintendenza għandha rwol stipulat fl-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali, u huwa d-dmir tas-Sovrintendenza li tinvestiga u tissorvelja. Għaldaqstant m'huwiex każ li s-Sovrintendenza tkun qed toffri servizz meta twettaq evalwazzjoni jew monitoraġġ arkeoloġiku, imma pjuttost tkun qed twettaq id-dmirijiet tagħha flok tiddelegahom lil monitors(li huma persuni akkreditati u awtorizzati mis-Sovrintendnenza li jaħdmu fis-settur privat), speċjalment f'każijiet fejn ikunu jirrekkjedu l-intervent dirett tas-Sovrintendenza.

Infurmat ukoll li jista' jkun hemm każijiet oħra fejn ikun hemm bżonn l-ispeċjalizzazzjoni tas-Sovrintendenza, u li mhux disponibbli fis-settur privat, u għaldaqstant ix-xogħol isir dirett mill-uffiċjali tas-Sovrintendenza.

Seduta 132
12/06/2023

**SIĠĠIEWI – TRIQ SANTA MARGERITA - XOGĦLIJIET**

**9547. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq Santa Margerita, fis-Siġġiewi, u meta mistenni li tingħata wiċċ ġdid?

05/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet ta' Infrastructure Malta fi Triq Santa Margherita, Siġġiewi huma previsti li jitlestew sal-aħħar ta' Settembru 2023, inkuż wiċċ ġdid t'asfalt.

Seduta 132
12/06/2023

**FIAU - INGAĠĠ TA' DIRETTUR**

**9553. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ħierġa l-applikazzjoni għal ingaġġ ta' Direttur tal-FIAU?

05/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi skont l-artikolu 23(1) tal-Att kontra *Money Laundering*, id-Direttur tal-Korp għandu jinħatar mill-Bord wara sejħa pubblika għal applikazzjonijiet. Fil-ġranet li ġejjin mistenni jinħatar iċ-Chairman tal-Bord u l-membri l-oħra skont l-artikolu 19 tal-istess Att, u wara tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Seduta 132
12/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9554. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi l-Manual of Allowances li diġà huwa pubbliku fuq il-Mejda tal-Kamra. Infurmat li fis-Servizz Pubbliku kollu fil-preżent hemm 567 impjegat li għandhom mobile allowance fil livell ta' diretturi ġenerali, diretturi u assistenti diretturi. Infurmat ukoll li fid-diversi taqsimiet relatati mal-ħidma tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 49 persuna li għandhom mobile allowance.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9555. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirrferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 9 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi minnu, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9556. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9554, ninformah li hemm erba' (4) persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.
Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9557. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9554, ninformah li hemm 14-il persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 132
12/06/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9558. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 132
12/06/2023

**TIBDIL FIR-REGOLI TAL-UN DWAR IT-TROBBIJA TAT-TIĠIEĠ**

**9640. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni ta' Malta fil-konfront ta' regoli tal-Unjoni Ewropea li hemm il-ħsieb li ddaħħal, fir-rigward tat-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd u jgħid jekk:
(a) il-liġi hux ser taqleb għat-trobbija bis-sistema tal-barn minflok fil-gaġġeġ;
(b) jekk fl-affermattiv, meta tali liġi ser tidħol fis-seħħ; u
(ċ) jekk Malta hux ser tapplika xi deroga biex pajjiżna jiġi eżentat minn din ir-regola?
Jista' l-Ministru jgħid ukoll jekk sarx studju dwar il-possibbiltà li jekk it-tiġieġ tal-bajd jiġi barn jispiċċaw jieklu d-demel tagħhom stess?

05/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Malta hija normalment waħda mill-pajjiżi li taqbel ma' regoli ġodda fuq il-benesseri tal-annimali, speċjalment meta hemm evidenza xjentifika ta' ameljorament fil-benesseri tagħhom, b'mod ġenerali. Iżda rigward il-ħsieb tal-Unjoni Ewropea dwar it-tibdil fir-regoli fit-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd, l-pożizzjoni ta' Malta hija kontra t-tibdil, peress li din tista' taffettwa x-xogħol tar-raħħala lokali b'mod drastiku.
(a) dwar jekk il-liġi hux ser taqleb għat-trobbija bis-sistema tal-barn minflok fil-gaġġeġ, bħalissa m'hemmx abbozz ta' liġi, iżda ħsieb biss. Illum il-Gvern ma jistax jgħid jekk, jew kif, ser tkun din il-liġi u għal din ir-raġuni il-Gvern ma jistax jirrispondi għal domandi daqshekk speċifiċi, teknikament, jekk ebda dokument għadu ma ġie mfassal.
(b) peress li m'hemmx abbozz ta' liġi, iżda ħsieb biss, il-Gvern lanqas huwa ċert jekk din il-liġi ser toħroġ jew le u għalhekk m'hemm ebda data mfassla.
(ċ) fir-rigward ta' jekk Malta hux ser tapplika xi deroga biex pajjiżna jiġi eżentat minn din ir-regola, ladarba jibdew taħdidiet fuq abbozz ta' liġi bejn il-Membri Stati, wieħed ikun jaf liema ser ikunu l-kriterji preċiżi ta' dik il-liġi u hemm ikun jista' jiddetermina jekk Malta jkollhiex bżonn titlob għal deroga jew le.
Bħalissa l-Gvern Malti qabbad konsulent barrani biex jagħmel studju fuq is-sitwazzjoni lokali partikolari f'Malta biex juri bil-fatti li t-trobbija tat-tiġieġ fil-gaġġeġ arrikkiti hija l-unika sistema ta' trobbija tat-tiġieġ tal-bajd f'Malta li hija sostenibbli.

Seduta 132
12/06/2023

**RESTAWR TA' SWAR U BINJIET TA' ŻMIEN IL-KAVALLIERI**

**9641. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta qed jiġu restawrati swar u binjiet ta' żmien il-Kavallieri, il-gwarniċi u l-'coat of arms' humiex qegħdin jiġu rrestawrati? Jekk fin-negattiv, jista' jgħid għalfejn dawn mhux jiġu restawrati?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi f'dan l-ambitu referenza jeħtieġ li ssir għall-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, u speċifikament għad-definizzjoni li jagħti l-Att għal kwalunkwe attività ta' restawr:

*"restawr" tfisser attività ta' speċjalizzazzjoni għolja għall-konservazzjoni tal-integrità tal-patrimonju kulturali, li toħroġ il-valuri u ttejjeb il-mod kif jinqara l-istat, il-forma u d-disinn oriġinali, fil-parametri ta' materjal li jkun għadu jeżisti. Dik l-attività għandha tkun imsejsa fuq proċess kritiku, storiku u xjentifiku ta' valutazzjoni u mhux fuq konġettura.*

Infurmat li l-firxa kbira ta' xogħol ta' restawr li għaddejja bħalissa hi ggwidata minn dawn il-prinċipji, u kull deċiżjoni hi meħuda wara li jsir proċess kritiku, storiku u xjentifiku ta' valutazzjoni.

Infurmat ukoll li f'sitwazzjonijiet fejn xi gwarniċi u/jew 'coat of arms' mhux qed jiġu magħmula mill-ġdid, dan ikun għax l-imsemmi proċess ikun stabilixxa li m'hemmx biżżejjed għarfien biex isir dan.

Intant infurmat li f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-gwarniċi u/jew 'coat of arms' eżistenti u fil-forma tagħha tiġi msaħħa imma mhux mibdula.

Seduta 132
12/06/2023

**BELT VALLETTA – TRAKKI TAL-FERROVIJA L-ANTIKA**

**9642. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux minnu li t-trakki tal-ferrovija li kien hemm fuq il-pont li jwassal għall-eks stazzjon tal-ferrovija tal-Belt intradmux bil-konkos meta kien qed isir xi xogħol ta' manutenzjoni fuq il-pont? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid jekk hux ser isir ix-xogħol meħtieġ biex dawn t-trakki jitnaddfu mill-konkos biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-poplu peress li dawn huma parti mill-istorja ta' pajjiżna?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li waqt xogħlijiet ta' monitoraġġ, fdalijiet tat-trakki tal-ferrovija kienu nstabu.

Infurmat li dawn kienu fi stat ta' preservazzjoni ħażin u ma kinux fil-post oriġinali tagħhom, minħabba li ġew mċaqalqa waqt xogħlijiet tat-toroq fil-passat.

Intant infurmat ukoll li l-fdalijiet li reġgħu nstabu ġew dokumentati u skont id-dokument tal-proċeduri u standards tal-prattiċi arkeoloġiċi OPSAS u t-Terms of Reference, dawn il-fdalijiet qed jiġu merfugħa fl-imħażen tal-Monitor u ser ikunu qed jiġu iddepożitati fir-Repositorju tas-Sovrintendenza fil-futur qarib sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess ta' preservazzjoni u konsolidazzjoni.

Seduta 132
12/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – MEMBRI TAL-BORD**

**9643. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni li jifformaw il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar preżentament huwa kompost kif ġej:

Dr Emanuel Camilleri – Chairman
Is-Sur Martin Camilleri – Deputy Chairman
Perit Jean Pierre Attard
Perit Mario Bonello
Is-Sinjura Maria Briffa
Dr Aimee Brincat
Perit Deborah Busuttil
Is-Sur Romano Cassar
Is-Sur Saviour Debono Grech
Is-Sinjura Sharon Mifsud
Is-Sur Joseph Zammit.

Din l-informazzjoni tinstab ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 132
12/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPLIKAZZJONIJIET**

**9644. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid mill-2010 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA għal:
(a) lukandi;
(b) estensjonijet ta' lukandi eżistenti;
(ċ) skejjel (tal-Gvern u/jew tal-Knisja u/jew tal-Privat); u
(d) estensjonijiet ta' skejjel (tal-Gvern u/jew tal-Knisja u/jew tal-Privat)?

Jista' għal kull każ, jgħid:
(a) x'inhu n-numru ta' referenza tal-Awtorità tal-Ippjanar għal kull applikazzjoni;
(b) f'liema lokalità tinsab kull applikazzjoni;
(ċ) f'liema stat waslet kull applikazzjoni; u
(d) liema huma dawk l-applikazzjonijiet li ħarġilhom il-permess?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tal-2010 sad-9 ta' Ġunju 2023 ġew sottomessi 259 applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar / MEPA għal-lukandi ġodda u 262 applikazzjoni għal estensjonijiet ma' lukandi eżistenti. Fl-istess perjodu l-Awtorità tal-Ippjanar / MEPA rċeviet 79 applikazzjoni għal skejjel ġodda u 114 applikazzjoni għal estensjonijiet ma' skejjel eżistenti.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-listi tal-applikazzjonijiet relevanti, b'indikazzjoni tal-lokalità, f'liema stat kienet tinsab l-applikazzjoni fid-9 ta' Ġunju 2023, b'indikazzjoni ta' liema inħarġilhom permess.

Seduta 132
12/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦRUĠ TA' PERMESSI**

**9645. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA f'Malta u Għawdex, lokalità b'lokalità u sena b'sena mill-2010 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari li kienu jirrekjedu l-ħlas tal-Commuted Parking Payment Scheme (CPPS) jew kontribuzzjoni favur l-Urban Improvement Fund/Planning Fund bejn l-2010 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jagħti wkoll rendikont tal-ammont totali fi flus u n-numru ta' karozzi abbażi ta' liema ġie kkalkulat is-CPPS/UIF lokalità b'lokalità u sena b'sena għall-istess perjodu?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 9645, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tliet tabelli li juru:

1. In-numru ta' applikazzjonijiet li dwarhom tħallset kontribuzzjoni favur l-Urban Improvement Fund (UIF) jew Commuted Parking Payment Scheme (CPPS);

2. In-numru ta' parkeġġi li fuqhom ġiet ikkalkulata l-kontribuzzjoni; u

3. Il-valur tal-kontribuzzjonijiet li kienu dovuti.

F'kull każ l-informazzjoni tirreferi għal ħlasijiet li saru mill-bidu tas-sena 2010 sad-9 ta' Ġunju 2023 u maqsuma għal kull lokalità.

*(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 1907 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 133, fit-13 ta' Ġunju 2023)*

Seduta 132
12/06/2023

**LESA – PENALI MARBUTA MA' RIMI TA' SKART**

**9706. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet, mill-ewwel tas-sena 2023, maqsuma xahar xahar, sal-lum, relatati ma':
a. rimi ta' skart; u
b. rimi ta' skart u ħruġ ta' boroż mhux mal-iskeda, kemm mhux fil-ħin u lanqas fil-ġurnata?
Jista' jgħid kemm kienet il-medja tal-penali li ġew maħruġa f'dawn il-każijiet? Jista' jagħti din l-informazzjoni għal-lokalitajiet ta' Wied il-Għajn, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk?

05/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi mill-01/01/2023, sal-lum, fil-lokalitajiet ta' Wied il-Għajn, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk ingħataw 229 kontravenzjoni marbuta ma' skart, li jinkludi rimi ta skart mhux skont l-iskeda (li jinkludi l-ħin), rimi ta' skart b'mod abbużiv madwar il-Bring in Sites, u rimi ta' skart b'mod abbużiv b'mod ġenerali ieħor.
Kontravenzjonijiet marbuta ma' skart iġorru l-piena ta Eur150, li tiżdied għal-Eur 450 f'każ ta' ripetizzjoni.

Seduta 132
12/06/2023

**ERA – PENALI MARBUTA MA' RIMI TA' SKART**

**9707. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet mill-ewwel tas-sena 2023, maqsuma xahar xahar, sal-lum relatati ma':
a. rimi ta' skart; u
b. rimi ta' skart u ħruġ ta' boroż mhux mal-iskeda, kemm mhux fil-ħin u lanqas fil-ġurnata?
Tista' tgħid kemm kienet il-medja tal-penali li ġew maħruġa f'dawn il-każijiet u/jew xi azzjonijiet li ttieħdu? Tista' tagħti din l-informazzjoni għal-lokalitajiet ta' Wied il-Għajn, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk?

05/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tas-sena sal-31 ta' Mejju 2023, inħarġu total ta' 58 multa mill-ERA fuq skart, 50 minnhom relatati ma' ksur tal-liġi li tistipola l-iskeda u ħin ta' kollezzjoni kif stipulati mir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (LS549.40). Fl-istess perjodu, minbarra l-multi effettivi nħarġu wkoll 304 twissijiet lil persuni li kisru dan ir-regolament. Il-penali kienu jvarjaw bejn €150 u €6,000. Fil-lokalitajiet indikati, fl-istess perjodu, nħargu 10 twissijiet u multa ta' €450.

Il-multi msemmija jinkludu azzjonijiet li nħarġu għal offiżi tar-Regolament tal-Iskart (LS549.63) jew Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (LS549.40).

Seduta 132
12/06/2023

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**9712. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9084 u 9371 u jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2020 effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

06/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**9713. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9083 u 9370 u jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2022 instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

06/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2022 kien hemm:

- Disa' (9) missirijiet illi ntbagħtu l-ħabs wara li nstabu ħatja dwar nuqqas ta' ħlas tal-manteniment
- Ħamsa u għoxrin (25) missirijiet li ngħataw libertà kondizzjonata fuq nuqqas ta' ħlas ta' manteniment
- Tlett (3) ommijiet li ngħataw libertà kondizzjonata fuq rifjut t'aċċess,
- Tnejn u tlettin (32) omm u mitejn u disgħa u ħamsin (259) missirijiet weħlu sentenza ta' twiddiba u ċanfira.

Seduta 132
12/06/2023

**SKEJJEL TAL-GVERN - FILTER FIT-TABLETS**

**9714. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9223 u 9392 u jgħid jekk jeżistix filter fit-tablet li jingħata lil studenti mir-Raba' sena 'l fuq sabiex jiffiltra dak li jista' jkun aċċessibli fuq l-internet għat-tfal ta' din l-età?

06/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta 132
12/06/2023

**SPTAR MATER DEI - APPARAT BIEX ISIRU L-IMPLANTS TAL-WIDNEJN**

**9715. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9260, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma jekk din il-magna ġdida bdietx tintuża u kemm hemm nies fil-lista ta' stennija għaliha?

06/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-jiem li ġejjin ser jibda t-taħriġ tal-professjonisti fuq dan l-apparat. Fil-lista ta stennija hemm 8 pazjenti.

Seduta 132
12/06/2023

**SCREENS ELETTRONIĊI TAT-TRAFFIKU - NEFQA**

**9716. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9256 u jgħid kemm swew l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li hawn installati madwar pajjiżna u x'effett pożittiv ħallew fuq il-qagħda tat-traffiku?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex fir-rigward ta' spiża jirreferi għar-risposta mogħtija għal PQ9717.
Ninforma ukoll lill-Onor. Interpellant li Transport Malta tuża l-Variable Message Signs sabiex fost avviżi oħra, bħal limitu tal-veloċità, tavża lis-sewwieqa sabiex jużaw rotot alternattivi f'każ li jkun hemm xi għeluq ta' toroq prinċipali jew xi inċidenti serji f'toroq partikulari li jikkawżaw it- traffiku. Għaldaqstant u possibbilment jitnaqqas l-inkonvenjent fit-toroq tagħna.

Seduta 132
12/06/2023

**SCREENS ELETTRONIĊI TAT-TRAFFIKU - NEFQA**

**9717. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9255 u jgħid kemm swew l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li hawn installati madwar pajjiżna biex inxtraw? Jista' jgħid ukoll kemm swiet it-tiswija jew iċ-ċaqliq tagħhom, kif ukoll kemm jiswew biex jibqgħu jaħdmu?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta tikkonsidra il-Variable Messaging signs (VMS) bħala għodda addizzjonali importanti sabiex tikkomunika mas-sewwieqa b'mod dirett. Għaldaqstant il-messaġġi, li jvarjaw, ħafna drabi jkunu relatati mas-sigurtà tas-sewwieq li jinbidlu kontinwament skont l-esiġenzi ta' ċirkostanzi. Ta' min wieħed jgħid li bħalissa wħud minn dawn l-iskrins mhux jintużaw minħabba li qed issirilhom manutenzjoni.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex inxtraw l-iskrins elettriċi tat-traffiku ntefqu €692,027.58 u dawn kienu parti mill-MODUS project. L-iskrins elettriċi tal-Kappara swew €137,925.52.

Fir-rigward ta' manutenzjoni bħalissa qed issir minn nies ta' Transport Malta.

Seduta 132
12/06/2023

**MESSAĠĠI FUQ L-ISCREENS ELETTRONIĊI TAT-TRAFFIKU**

**9718. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9254 u jipprovdi tabella bil-messaġġi li ntwerew fuq l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li hawn installati madwar pajjiżna għal dawn l-aħħar tliet xhur?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta tikkonsidra l-Variable Messaging signs (VMS) bħala għodda addizzjonali importanti sabiex tikkomunika mas-sewwieqa b'mod dirett. Għaldaqstant il-messaġġi, li jvarjaw, ħafna drabi jkunu relatati mas-sigurtà tas-sewwieqa li jinbidlu kontinwament skont l-esiġenzi ta' ċirkostanzi. Ta' min wieħed jgħid li bħalissa wħud minn dawn l-iscreens

mhux jintużaw minħabba li qed issirilhom manutenzjoni. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista’ ta’ eżempji ta’ messaġġi li jintwerew fuq l-iscreens elettroniċi tat-traffiku.

Seduta 132
12/06/2023

**ENEMALTA – RAPPORT INTERN DWAR IL-WIND FARM FIL-MONTENEGRO**

**9719. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 681, u fid-dawl li b'deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data dan ir-rapport intern dwar il-proċess tal-windfarm fil-Montenegro kellu anke jiġi mgħoddi lill-istampa, tista' l-Ministru tqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

06/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ir-rapport ikkummissjonat mill-Enemalta qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Dan ir-rapport, b’rabta mal-Mozura Windfarm fil-Montenegro, sar mill-uffiċċju legali Mamo TCV u l-Enemalta offriet kollaborazzjoni massima biex dan ir-rapport seta’ jseħħ.

Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport kienu diġà ġew ippubblikati fir-rapporti annwali tal-Enemalta.

L-Enemalta ħadet ukoll diversi inizjattivi biex issaħħaħ il-governanza fi ħdanha, fosthom bl-implimentazzjoni ta’ Risk Management Policy, Anti-Money Laundering Policy, Investment Policy u Procurement Policy.

Seduta 132
12/06/2023

**KAWŻA DWAR IL-BINJA LI QIEGĦED JOKKUPA L-KUNSILL LOKALI GUDJA**

**9752. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9393, ninforma lill-Ministru dwar Rikors Kostituzzjonali 86/2023 imressaq quddiem l-Onorabbli Imħallef Grazio Mercieca, fejn għalkemm il-Kunsill Lokali mhuwiex parti mill-kawża għax il-fond ma jgħajjatx lilu, huwa l-fond li l-Kunsill Lokali bħalissa jokkupa, u għaldaqstant jista’ l-Ministru, bħala l-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali, jgħid jekk għandux pjan u alternattivi għal dan il-Kunsill Lokali, u jista' wkoll jgħid jekk hux informat li hemm Kunsilli Lokali oħrajn li qegħdin jiffaċċjaw l-istess riskju?

06/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-obbligu tal-Gvern Ċentrali sabiex jinsabu l-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali kien mat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali 30 sena ilu.

Ir-responsabbilità għax-xiri jew kiri tal-istess Uffiċċju Amministrattiv hija waħda li tinkombi lill-Kunsilli Lokali nfushom. Għaldaqstant, għar-rigward tal-każ imsemmi sta għall-Kunsill Lokali li jieħu miżuri meħtieġa ta’ kontinġenza sabiex l-istess Kunsill ikun jista' jibqa' jopera.

Seduta 132
12/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - SKEMA ‘IRRESTAWRA DAREK’ – TIMELOG**

**9784. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9363 u jipprovdi t-timelog tal-applikazzjonijiet li ġew sottomessi fl-iskema li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar bl-isem "Irrestawra Darek", liema skema fetħet nhar it-30 ta' Mejju 2023 f'nofsinhar, fl-ewwel tliet sigħat li fetħet? F'liema ħin il-fondi tal-iskema ġew allokati kollha proviżorjament?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li mit-tagħrif miġbur mill-uffiċjali tal-Awtorità, is-sistema li biha saru l-applikazzjonijiet ħadmet kif ġej:

1. Biex wieħed jibda proċess ta' applikazzjoni wieħed irid jidħol bl-E-id tiegħu. Il-periti li kienu qed idaħħlu applikazzjonijiet setgħu jkollhom aktar minn persuna delegata biex tapplika f'isem dak il-perit jew uffiċċju ta' periti.

2. L-ewwel pass meħtieġ kien li persuna tiftaħ draft biex minn hemm jibda l-proċess tal-applikazzjoni ta' uploading tad-dokumenti meħtieġa.

3. Is-sistema sa mill-ewwel ħinijiet kellha aċċess ta' numri kbar u nfetħu bosta drafts bil-konsegwenza li l-proċess biex isir uploading tad-dokumenti ġie b'ritmu baxx ħafna. Konsegwenza ta' dan, l-ipproċessar mis-sistema tad-dokumenti li kienu qed jiġu uploaded fuq is-sistema beda jiġi konkluż ftit aktar minn nofs siegħa wara li nfetħu l-applikazzjonijiet.

4. It-timelog li nżammet mis-sistema huwa l-ħin meta l-applikazzjonjiet li ġew konklużi bl-uploading tad-dokumenti kienu proċessati mis-sistema.

5. Illi l-ħinijiet li qed jingħataw f'din ir-risposta u li qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra jindikaw l-applikazzjonijiet kif ġew konklużi u reġistrati fis-sistema wara li ġie pproċessat l-uploading fis-sistema kif spjegat.

Il-fondi kollha ġew allokati proviżorjament sakemm issir l-evalwazzjoni ta' kull applikazzjoni peress li hemm numru suffiċċjenti skont il-budget li ġie allokat.

Seduta 132
12/06/2023

**FOSOS TAL-FURJANA – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI U/JEW RESTAWR**

**9785. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9300, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir xi xogħol ta' manutenzjoni jew restawr, jew kwalunkwe xogħlijiet oħrajn li bihom se jirripristinaw il-Fosos tal-Floriana? Jista' jgħid liema entità hi responsabbli għall-manutenzjoni tal-imsemmija Fosos tal-Floriana?

06/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 132
12/06/2023

**SEWWIEQA TAL-Y-PLATES**

**9902. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid f'kemm-il inċident tat-traffiku kienu involuti sewwieqa tal-Y-Plates?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 9902 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**FOOD COURIERS LI KIENU NVOLUTI F'INĊIDENT TAT-TRAFFIKU**

**9903. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li jaħdmu bħala Food Couriers u jsuqu l-mutur li kienu involuti f'xi inċident tat-traffiku matul is-snin 2021 u 2022, xahar b'xahar?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 9903 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat

Seduta 132
12/06/2023

**KAĊĊATURI SAN UBERTU – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**9904. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-KSU (Kaċċaturi San Ubertu) qattx ingħataw fondi allokati bħala "Assistance for Hunting Organisations"?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**KAĊĊATURI SAN UBERTU – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**9905. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-KSU (Kaċċaturi San Ubertu), humiex jieħdu xi tip ta' fondi taħt il-"Funding of NGOs"?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari 9904 li qed tingħata f'din is-seduta.

Seduta 132
12/06/2023

**FKNK – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**9906. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-FKNK (Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti) qattx ingħataw fondi allokati bħala "Assistance for Hunting Organisation"?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**FKNK – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**9907. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-FKNK (Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti) humiex jieħdu fondi taħt "Funding of NGOs"? Jekk fl-affermattiv, kemm ħadet l-FKNK matul is-snin 2019, 2020, 2021 u 2022, sena b'sena?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 132
12/06/2023

**WIED IL-GĦAJN – TREJQET IT-TORRI - BANKINA**

**9912. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara permezz tal-aġenzija konċernata, li ssir bankina fi Trejqet it-Torri, Marsaskala?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 9912 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 132
12/06/2023

**ĦLAS TA' TAXXA MINN ĦADDIEMA TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA**

**9913. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-taxxa li jħallsu l-ħaddiema barranin hux l-istess bħal dik li jħallsu l-ħaddiema ta' nazzjonalità Maltija?

08/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ħaddiema barranin li jaħdmu f'Malta għal tul ta' żmien li jirrendihom bħala persuni residenti f'Malta, għal finijiet tat-taxxa jħallsu t-taxxa bl-istess rati ta' persuni Maltin.

Seduta 132
12/06/2023

**XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**9914. L-ONOR. OMAR FARRUGIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' toroq li Infrastructure Malta għandha fil-ħsieb jew fil-pjanijiet tagħha biex isiru fit-12-il xahar li ġejjin għal-lokalitajiet ta' Birżebbuġa, Żurrieq, Mqabba, Qrendi, Ħal Safi, Ħal Kirkop u Ħal Farruġ?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li ġew konklużi diversi pjanijiet mal-Kunsilli Lokali ta' għadd ta' lokalitajiet, fadal xi dettalji minuri li għad iridu jiġu diskussi rigward il-pjan ta' xogħol infrastrutturali f'Birżebbuġa, Żurrieq, Imqabba, Qrendi, Ħal Safi, Ħal Kirkop u Ħal Farruġ mal-Kunsilli rispettivi.

Seduta 132
12/06/2023

**XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**9915. L-ONOR. OMAR FARRUGIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' toroq li Infrastructure Malta għandha fil-ħsieb jew fil-pjanijiet tagħha biex isiru fit-12-il xahar li ġejjin għal-lokalitajiet ta' Ħal Qormi, Ħal Luqa u s-Siġġiewi?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li ġew konklużi diversi pjanijiet mal-Kunsilli Lokali ta' għadd ta' lokalitajiet, fadal xi dettalji minuri li għad iridu jiġu diskussi rigward il-pjan ta' xogħol infrastrutturali f'Ħal Qormi, Ħal Luqa u s-Siġġiewi mal-Kunsilli rispettivi.

Seduta 132
12/06/2023

**RIFORMA TAS-SISTEMA TAL-KUMPILAZZJONIJIET U RINVIJI – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA - SOTTOMISSJONIJIET**

**9955. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sottomissjonijiet kollha li saru mill-pubbliku dwar ir-riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijiet u rinviji bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika u li għalqet nhar il-31 ta' Mejjju 2023?

08/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sottomissjonijiet mibgħuta qed jiġu analizzati u meħuda inkonsiderazzjoni. Meta dan il-proċess ikun konkluż ser jiġi ppubblikat rapport kif isir wara kull konsultazzjoni pubblika.

Seduta 132
12/06/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI TAL-QRATI – DIRECT ORDERS**

**9956. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji ta' kull *direct order* li ngħata mill-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, inkluż id-data, il-valur u l-isem tal-persuna u/jew tal-kumpaniji li lilha ngħata, mis-sena 2019 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 132
12/06/2023

**MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA – KIRI TA' VETTURI**

**9957. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mingħand liema persuna jew kumpanija huma mikrija l-vetturi wżati mill-membri tal-ġudikatura? Jista' jgħid kif ġiet magħżula l-persuna jew kumpanija li mingħandha qiegħdin jinkrew il-vetturi għall-użu mill-membri tal-ġudikatura?

08/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-karozzi użati mill-Membri tal-Ġudikatura huma mikrija mingħand il-kumpanija GO Hire Ltd.

Fl-1 ta'Mejju 2022 kien inħareġ tender għall-kiri ta' 48 karozza tat-tip Plug-in Hybrid għal-Membri tal-Ġudikatura. Għal dan it-tender kienu ntefgħu 3 offerti u wara li saret l-evalwazzjoni rriżulta li l-offerti mitfugħa ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tad-dokument tat-tender. Żewġ offerenti li tefgħu l-offerta għal dan it-tender appellaw id-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni quddiem il-Public Contracts Review Board u l-Qorti tal-Appell. Fiż-żewġ instanzi id-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni ġiet ikkonfermata. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ġiet mogħtija fl-20 ta'Marzu 2023.

Peress li kuntratt għall-kiri tal-karozzi użati mill-Membri tal-Ġudikatura kien se jagħlaq fit-12 ta' April 2023, f'Ottubru tas-sena 2022, l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati għamlet riċerka fi-suq dwar id-disponibbiltà ta' kiri ta' 48 vettura għall-Membri tal-Ġudikatura. Mill-proposti mitfugħa, il-kumpanija GO Hire Ltd, kienet l-unika li kellha għad-disponibbiltà tagħha vetturi tat-tip PHEV li jistgħu jinkrew għall-Membri tal-Ġudikatura f'qasir żmien. F'din ir-riċerka ma ġewx inklużi l-kumpaniji li tefgħu offerta fit-tender minħabba li kienu parti mill-proċess tal-appell.

Wara konsultazzjoni interna, u wara li kien hemm żieda fin-numru ta' Ġudikanti, l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati talbet lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tibda proċedura ta' Negotiated Procedure mal-kumpanija GO Hire Ltd għall-Kiri ta' vetturi għall-Membri tal-Ġudikatura. It-tali talba ġiet approvata u hekk l-Aġenzija daħlet fi ftehim mal-GO Hire Ltd.

Seduta 132
12/06/2023

**PUBLIC SERVICE EXPO 2023 – SPIŻA**

**9958. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont tal-ispiża u/jew flejjes kollha minfuqa b'rabta mal-Public Service Expo 2023?

08/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub huwa kif ġej:

| AMOUNT EXC. VAT | SERVICES |
|---|---|
| €123,302.27 | EXPO Venue and other ncillary setup costs |
| €15,000.00 | Various Designs |
| €3,320.00 | Videography |
| €24,780.00 | Printing and Production Works |
| €4,995.00 | Floor Managing |
| €31,144.30 | Provision of Lighting |
| €25,897.65 | Provision of Video Control |
| €5,560.00 | Uniforms/Merchandise |
| €6,651.00 | Uniforms/Merchandise |
| €6,950.00 | Uniforms/Merchandise |
| €5,753.00 | Registration |
| €11,292.50 | Audio Requirements |
| €19,139.00 | Provision of Catering |
| €9,750.00 | Provision of Security |
| **€293,534.72** | |

Seduta 132
12/06/2023

**PROĊESS TAX-XIRI TAL-GASS (LNG)**

**9959. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont dettaljat ta' kif qed jaħdem il-proċess tax-xiri tal-gass (LNG) f'Malta? Tista' tgħid jekk hijiex l-Enemalta li tixtri l-gass u tissupplixxih lill-operaturi bħal Electrogas u Shanghai Electric għall-użu fil-powerstations, jew hija l-Electrogas li qed tixtri l-gass u tissupplixxi lill-Enemalta li min-naħa tagħha tissupplixxih lil ħaddieħor? X'inhuma l-agreements li jkopru l-provvista tal-gass f'pajjiżna, u x'inhu r-rwol tal-Gvern f'din il-provvista?

08/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-gass LNG jinxtara mill-Electrogas. L-LNG jiġi proċessat fl-impjant ta' rigassifikazzjoni li l-Electrogas għandha f'Delimara.

Parti minn dal-gass jintuża mill-impjant numru 4 f'Delimara li huwa tal-Electrogas stess. Parti oħra tal-gass tmur għall-użu mill-impjant Delimara 3 ta' D3PG. L-Enemalta ma tħallasx għall-gass li jmur fl-impjant Delimara 4 tal-Electrogas, iżda tħallas għall-elettriku ġġenerat minn dan l-impjant.

Min-naħa l-oħra, l-Enemalta tħallas għall-gass li jmur fl-impjant Delimara 3 ta' D3PG. Din il-kumpanija mbagħad tħallas lill-Enemalta għal dan il-gass, u l-Enemalta tħallas lid-D3PG għall-elettriku ġġenerat mill-impjant tagħha.

Seduta 132
12/06/2023